# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 3 ta' Gunju 2002**

**Avviz. numru 889/01**

**Numru 28**

**Alan Briffa**

**vs**

**Peter Grima**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jghid il-ghaliex ma ghandux ikun ikkundannat in adempiment tad-dritt ta' regress tal-attur a tenur ta' l-artikolu 1942 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ihallas lill-istess attur is-somma ta' hames t'elef lira Maltin (Lm5,000), rappresentanti ammont li huwa kien kostrett ihallas lis-socjeta' HSBC Bank Malta p.l.c. bhala garanti ta' l-obbligazzjonijiet tal-konvenut lejn l-istess socjeta.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-22 ta' Mejju 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma ta' Lm5,000.00,0 bl-imghaxijiet legali mit-23 ta’ Ottubru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur